Sensiela Studji Soċjali
(*fil-gazzetta TAGĦNA T-TFAL*)

## Artiklu Numru 4: Il-Fieldwork fl-Imdina



Kemm ilni nżur l-iskejjel primarji bħala uffiċjal edukattiv, rari mmur f'xi klassi tal-ħames sena u nsib li l-istudenti ma jkunux marru fuq żjara edukattiva sal-belt qadima tal-Imdina.

Mis-sena skolastika preżenti (2013-14) id-Dipartiment tal-Kurrikulu qiegħed jagħti iktar valur lil żjajjar edukattivi bħal dawn. Permezz tal-SSAR (*Social Studies Assessment Reorganization*) żjara edukattiva lejn xi waħda mill-bliet qodma tal-Gżejjer Maltin (l-Imdina, Il-Birgu u ċ-Ċittadella) issa se tiġi assessjata minn massimu ta' 20 marka u l-marka tidher fir-riżultat ta' nofs is-sena li jintbagħat lill-ġenituri.

L-għalliema kollha tal-Ħames Sena ġew mitluba jagħżlu waħda mit-tlett ibliet qodma biex isservi bħala bażi għall-iskema tal-SSAR.
Il-maġġoranza għażlu l-belt tal-Imdina. Dan ma jnaqqas xejn mill-importanza tal-Birgu u taċ-Ċittadella; juri biss il-popolarità tal-Imdina mal-għalliema u l-istudenti tagħna.

Bħala preparazzjoni għaż-żjara edukattiva lejn l-Imdina, ġew ippreparati dawn ir-riżorsi:

- żewġ *video clips* qosra; il-*video clips* isegwu l-istess rotta li għandu jieħu l-*fieldwork*. Il-filmati jistgħu jiġu mniżżla minn fuq l-Internet hekk (a) L-Imdina, l-ewwel parti: http://www.youtube.com/watch?v=0Unkki8zUxY (b) L-Imdina, it-tieni parti: http://www.youtube.com/watch?v=IRER0m7L_Nc

### Informazzjoni dwar l-Imdina

1. Fi żmien il-ħakma Rumana, il-belt ewlenija kien jisimha Melita. Melita kienet tiġi fejn hemm l-Imdina u r-Rabat illum.
2. Melita huwa isem bil-Latin, il-lingwa li kieni jitħaddtu biha r-Rumani.
3. Melita kienet madwar tliet darbiet ikbar milli hija l-Imdina llum.
4. Naħsbu li kienu l-Biżantini li ċekknu l-belt ta' Melita u dawruha bis-swar.
5. Il-Biżantini kienu r-Rumani tal-Lvant; dawn bnew il-belt kapitali tagħhom ġewwa Kostantinopli fejn illum hemm Istanbul fit-Turkija.
6. Il-kavallieri rranġaw u sebbħu l-Imdina kif nafuha llum.

- sett *fieldwork notes* biex jinħadmu fuq is-sit taż-żjara, jiġifieri fl-Imdina; dawn jistgħu jitniżżlu minn: http://www.youtube.com/watch?v=IRER0m7L_Nc

Inħeġġu lill-għalliema u anke lill-ġenituri, biex dawk li għażlu l-Birgu jew iċ-Ċittadella bħala bażi għall-SSAR, isibu mezz kif huma wkoll imorru sal-Imdina u jaħdmu l-*fieldwork*. Għalhekk anke min m'għażilx l-Imdina, għandu jniżżel in-noti u jmur jaħdimhom mal-ġenituri tiegħu waqt xi ħarġa mal-familja. Nistiednu anke lill-għaqdiet bħall-MUSEUM u l-Iscouts biex meta jorganizzaw ħarġiet għall-membri tagħhom, jinkludu wkoll il-bliet il-qodma Maltin fl-iskeda tagħhom.



*Tony Pace*
Uffiċjal Edukattiv tal-Primarja